MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 63/2012

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Lucia AGIUS [ID. Nru. 305753M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha hija talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' hames mija u hames euro u wiehed u sittin centezmi ta' euro [€505.61] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmi (€505.61) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C80025570 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont l-

annessi dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimata** mressqa fit-8 ta’ Gunju, 2012 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

“Illi l-intimata qeghda tirrespingi t-talbiet attrici stante l-fatt li huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghalhekk l-quantum msemmi fit-talbiet attrici m’humiex dovuti mill-intimata verso l-istess attrici”.

Ra l-verbal datat 13 ta’ Lulju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta’ uzu ta’ servizzi ta’ kommunikazzjoni moghtija mis-socjeta attrici lill-intimata.

Skond ma jirrizulta mix-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Ingrid Zammit Young moghtija fis-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2012, l-intimata kellha l-*Mutliplus free* to *air channels* u t-*telephone*. Ghal dan is-servizz, hija kellha thallas is-somma ta’ tlett liri u sebgha u hamsin centezmu Maltin (Lm3.57) pari ghal tmien euro u tnejn u tletin centezmu ta’ euro (€8.32). Dan jirrizulta kemm minn qari tad-dokument immarkat bhala IZY6 (fol. 21) u l-istess dokument immarkat bhala IZY2 a fol. 4. Meta imbaghad giet mistoqsija tispjega kif skond id-dokument immarkat bhala IZY7 (fol. 22) l-intimata kellha thallas is-somma ta’ €41.93 fix-xahar, hija tghid li ma tistax tispjega dan il-fatt. Ziedet

tghid pero li jista jkun li fil-frattemp l-intimata talbet li s-servizz jigi upgraded. Ikkonfermat ukoll, li mill-istess dokument ma jirrizultax li l-intimata qatt ghamlet xi hlas mis-6 ta' Jannar, 2007 (meta beda l-kuntratt) sakemm inqatgha dan is-servizz.

L-intimata fix-xhieda taghha tal-4 ta' Lulju, 2012 tghid li hija ma ghandha taghti xejn u meta kellha kont ta' Lm114 hija marret il-bank, sarrfet ic-cekk taghha, gibdet il-flus u marret thallas fil-fergha ta' Rahal Gdid. Meta giet mistoqsija jekk hi kellhiex ricevuta ta' dan il-hlas li ghamlet, hija wiegbet fin-negattiv.Stqarret pero li hi kienet talbet lill-addett tas-socjeta rikorrenti biex jaghtiha ricevuta izda dan, skond l-intimata, qalilha "... *li kien mghaggel u ma kien ser jaghtini xejn*" (fol. 14). L-ghada li hallset, tghid l-intimata, kienu qatghulha s-servizz. In kontro-ezami, l-intimata tghid li hi kienet thallas regolarment kull xahar u li "*... l-kont tieghi kien ta' l-inqas u dan peress li jiena armla ma nistax inhallas ovvjament izjed milli niflah ghalhekk kont ghidtilhom biex jaghmluh fl-inqas*" (fol. 15).

Ikkunsidra ulterjorment;

Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimata l-hlas ghas-servizzi ta' komunikazzjoni (skond l-ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju, 2011 esebita a fol. 24 [dok. IZY8] dawn is-servizzi kienu ghat-televizjoni) moghtija minnha lill-intimata. L-intimata da parti taghha tghid li hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta rikorrenti l-ghaliex dejjem hallset.

Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti civili fis-27 ta' Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran "*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru*

*tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in exipiendo fit actor' ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*".

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenuta tal-pagament li hija tallega li ghamlet. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech** deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*[1]*.* Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, l-intimata jenhtiegilha qabel xejn tipprova, b'mod konvincenti u konkluziv, illi hija effettivament ghamlet il-hlas tas-somma reklamata. Jekk hija ma jirnexxilhiex taghmel din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqha ghax fuqha kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament;

Fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** sup. cit. insibu li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa allura salv il-principju illi*

[1] Kollez. Vol. X pagna 825

*f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argoment tezisti*" (Ara **Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

Hu pacifikament stabbilit illi "*l-pagament jista jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill gudikant*[2]".

Illi mill-provi prodotti, t-Tribunal ma huwiex sodisfatt li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa verament dovut. Ibda biex, skond ir-rendikont esebit mill-istess socjeta rikorrenti juri li l-intimata suppost kienet thallas is-somma ta' €41.92 fix-xahar (dok. IZY1 a fol. 3). Imbaghad mid-dok. IZY2 (fol. 4) u mix-xhieda moghtija mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young, l-intimata, skond l-*offer form* kellha thallas biss is-somma ta' Lm3.57 pari ghal €8.32. Bejn din l-ahhar cifra u c-cifra indikata fuq id-dok. IZY1 u cioe c-cifra ta' €41.92 hemm qabza kbira. Dan l-ammont ta' €41.92 huwa deskritt fl-istess dokument bhala "*rental charges*". Spjega ta' kif minn €8.32 (skond l-*offer form* debitament accettata mill-intimata fis-6 ta' Jannar, 2007) l-ammont telgha ghal €41.92 ma inghatatx lit-Tribunal, u allura l-istess Tribunal ma jistax jkun moralment konvint li dan l-ammont huwa dovut mill-intimata fl-istat tal-provi kif tressqu quddiemu.

Ghalhekk, it-Tribunal isib li t-talba tas-socjeta rikorrenti ma jisthoqqiliex li tigi milqugha.

[2] Ara d-decizjonijiet riportati fil-volumi XLIII p.II p 624 u XXXVII p.I p.525

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni tal-intimata, jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti fil-konfront taghha.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------